**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 6 ta' April, 2017**

**Pulizija**

**Spettur Joseph Mercieca**

**Vs**

**Charles Gouder**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Charles Gouder, ta' 45 sena, iben Carmelo u Doris nee' Mallia, iwmieled Pieta' , nhar il-5 ta' Lulju, 1971, u li joqghod Flat 15, Block A, Triq ic-Cikaz, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 413372M;

Talli, fil-lejl bejn it-12 u t-13 ta' Frar, 2017, minn Triq il-Marlocc, Zabbar:

1) Ikkommetta serq ta' karozza tat-tip Hyundai Excel, numru tar-registrazzjoni BAI 906, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlitt mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu, bi-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' Noel Dalli u/jew ta' xi persuna /I u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2) Ukoll, talli fl-istess data, u/jew wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa' ghandu jew xtara vettura tat-tip Hyundai Excel, numru tar-registrazzjoni BAI 906, li kienet misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghha jew imexxiha;

Talli fid-13 ta' Marzu, 2017, ghall-habta tal-4.45pm, u jew qabel din id-data, fil-Marsa u /jew f'inhawi ohra tal-Gzejjer Maltin:

3) Ghamel uzu min numri ta' identifikazzjoni ta' vettura, cioe' EAE 876, fuq vettura numru tar-registrazzjoni BAI 906, xort'ohra minn dawk moghtija mill-Pulizija, jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

4) Ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq karozza tat-tip Hyundai Exel numru tar-registrazzjoni BAI 906, minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

5) Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta', jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

6) Ukoll talli kkommetta dawn ir-reati, uhud minnhom punnibli bi prigunerija, fil-perjodi operattivi ta' zewg sentenza sospizi, it-tnejn datati 29 ta' Ottubru, 2013 u t-tnejn moghtija mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D.

7) Kif ukoll talli rrenda ruhu recediv wara li huwa gja nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semghet il-provi kollha migjuba;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni;

Rat illi l-imputat sussegwentement irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet l-ohra;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 28B(1)(2)(4)(5), 49, 50, 261, 263(a), 265, 267, 270, 271(g), 279(a), 280(2), 281(c), 289, 334 tal-Kapitolu 9;

L-Artikoli 6, 51(7) tal-Kapitolu 480;

L-Artikoli 3(1)(1A)(2)(b)(2A)(3) tal-Kapitolu 104;

U l-Artikoli 15(1)(1A)tal-kapitolu 65;

Wara li rat illi l-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni u r-raba' akkuza, din il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni tal-imsemmi imputat Charles Gouder fuq l-akkuzi l-ohra, li giet minnhu konfermata wara li kkonsidraha, qed issib lill-istess imputat hati u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Tordna li jidhlu fis-sehh iz-zewg sentenzi datati 29 ta' Ottubru, 2013, fejn kien kien ikkundannat piena ta' tlitt (3) xhur prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, u ghaldaqstant l-imputat ghandu jservi tnax-il xahar (12) prigunerija.

Il-Qorti spjegat fi kliem ciar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**